# Bolol kommemorattivi għall-okkażjoni tal-Biċentinarju tal-Korp

Assistent Kummissarju Mario Spiteri

Fit-18 ta' Marzu, 2014, il-*MaltaPost* ħarġet żewġ bolol li jikkommemoraw il-200 sena mit-twaqqif tal-Korp. Il-bolol, li ġew iddisinjati minn Cedric Galea Pirotta, għandhom valur ta' €0.26 u juru żewġ opri tal-baħar ta' dik li kienet tissejjaħ, *Police Water District* fuq l-isfont ta' żewġ portijiet; dak ta' Marsamxett u dak ta' Tas-Sliema. Fl-isfont ta' kull bolla, tidher ukoll Għassa tal-Pulizija differenti li kien hemm fiż-żewġ portijiet.

Il-*Police Water District* ġie mwaqqaf f'Jannar 1921 wara li ġiet xolta l-*Marine Police* ix-xahar ta' qabel. Mat-twaqqif tagħha, aktar nies bdew jitpoġġew f'din it-taqsima ġdida minn dawk li kien hemm qabel fit-taqsima l-antika. L-għażla tan-nies kienet issir minn fost dawk li kienu jidhru addattati sabiex jagħmlu dan it-tip speċjali ta' xogħol. Fil-fatt, is-Supretendenti kienu jiġu kontinwament mitluba sabiex jissottomettu l-ismijiet ta' dawk il-membri tal-Korp fid-distretti tagħhom li kienu kapaċi jaħdmu fuq il-baħar. L-ewwel erba' dgħajjes ta' din it-taqsima ngħataw mid-Dipartiment tad-Dwana.

Il-*Police Water District* kellha l-ewwel kwartieri tagħha fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija iżda eventwalment, dawn ġew trasferiti għax-Xatt ta' Laskri, il-Belt. It-Taqsima kienet tagħmel użu mill-Għases tal-Pulizija f'Tas-Sliema *Ferries* u dik f'Ta' Xbiex, iżda aktar tard, infetħet Għassa oħra fil-Port il-Kbir wara li kienu nbnew l-imħażen tad-Dwana f'dak il-post.

Ix-xogħol ewlieni tal-*Water Police* kien il-prevenzjoni tal-kuntrabandu iżda kien hemm ukoll xogħol ieħor li kien jiġi mwettaq, bħall-ġbir ta' katavri mill-baħar, iż-żamma tal-bon ordni fil-portijiet u l-ħruġ ta' liċenzi lill-barklori u lid-dgħajjes għall-kiri. Xogħol importanti li kienet twettaq din it-Taqsima, kien iż-żamma tal-ordni fil-logħob tal-*waterpolo* li kien jiġi organizzat mill-*Aquatic Sports Association*.

Fis-sebgħinijiet, ħafna mix-xogħol ta' din it-Taqsima ttieħed mill-Iskwadra Marittima tal-Forzi Armati ta' Malta u mid-Dipartiment tad-Dwana. Aktar tard, ġiet introdotta wkoll Taqsima tal-Baħar fi ħdan l-*Administrative Law Enforcement Unit*. Dan kollu wassal biex eventwalment, din it-Taqsima għalqet l-Għases tagħha u ġiet xolta.



Is-Sur Joseph Gafa' - CEO tal-Maltapost jippreżenta sett bolol lill-Kummissarju

Għall-okkażjoni tal-200 anniversarju tal-Korp, il-*MaltaPost* se tagħmel timbru speċjali ta' kanċellazzjoni tal-bolol, li se jiġi wżat biss fit-12 ta' Lulju, 2014 fil-fergħa tal-Posta ta' Kastilja, il-Belt. Il-Korp qiegħed fi trattattivi wkoll mal-*Maltapost* sabiex isiru wkoll bolol personalizzati fl-okkażjoni tal-biċentinarju.




mario.a.spiteri@gov.mt